MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 289/2005

**Maria (K.I. Nru. 244443M) u Mario (K.I. Nru. 95846M) konjugi Ciantar**

**vs**

**Joseph Demicoli (K.I. Nru. 9455M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta’ l-attur fejn gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundanant li jhallas lill-atturi s-somma ta’ mitt lira, rapprezentanti refuzjoni fuq hlas li sar mill-istess atturi lill-konvenut fid-9 ta’ Gunju, 2004 bhala depozitu fuq xogholijiet ta’ l-injam ordnati minghand il-konvenut liema xogholijiet kellhom jitlestew sa l-ahhar tax-xahar t’Awissu, 2004 u liema xogholijiet fil-fatt qatt ma saru u tlestew mill-konvenut skond kif miftiehem u dan skond kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok A;

Ra illi l-konvenut baqa' ma hallasx dan l-ammont mitlub non o stante li kien gie nterpellat b'ittra legali datata 2 ta' Dicembru, 2004;

Ra ukoll illi l-atturi qed jitolbu illi l-ispejjez inkluzi s-somma ta' hdax-il lira u tmenin centezmu (Lm11.80) ta'l-ittra u konsult, l-imghaxijiet legali mid-9 ta' Gunju, 2004 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ghandhom jigu sopportati ilterament mill-istess konvenut;

Ra illi l-konvenut debitament notifikat bl-avviz u bl-appuntament tas-smigh baqa' ma pprezenta ebda risposta;

Ra d-dokumenti esebiti mill-istess atturi flimkien ma' l-avviz ipprezentat minnhom;

Sema' x-xhieda ta' l-atturi Mario Ciantar bil-gurament tieghu llum stess seduta tad-9 ta' Novembru, 2005;

Ra illi ghalhekk it-talbiet ta' l-istess atturi huma ragevolament gustifikati;

Ghaldaqstant it-Tribunal, jiddeciedi dina l-kawza billi jilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotti fl-avviz taghhom u cioe jikkundanna lill-konvenut Joseph Demicoli biex ihallas lill-atturi s-somma rikjesta ta' mitt lira (Lm100.00) Maltin. L-imghaxijiet legali ghandhom jigu kkunsidrati bhala li bdew jidekorru mid-9 ta' Gunju, 2004 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif rikjest fl-avviz ghandhom jissaportati litteralment mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------